MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 299/2007

Khaled **YASSINE** u Duaa Mohammed Qasam El Sadi f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' binthom minuri Fathiea Yassine

vs

**DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-15 ta' Marzu, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu biex il-Qorti tordna t-tiswija tal-Att tat-Twelid ta' binthom minuri Fathiea li jġib in-numru progressiv 1738 tas-sena 2001, billi fil-parti li titkellem dwar it-tagħrif  dwar l-omm tat-tarbija, minflok il-kliem "*wife of the said Khaled Yassine*" tidħol il-kelma "*single*";

Rat l-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern tat-2 ta’ April, 2007[1], għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal liema avviż ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fiż-żmien stabilit mil-liġi;

Rat ir-Rispost mressqa mill-imħarrek fil-11 ta’ April, 2007, li biha qal li ma kienx jaf il-fatti u żied jgħid li, f’kull każ, li hu ma kien jaħti għall-ebda nuqqas li seta’ kien hemm, ladarba jaqa’ fuq kull min jagħmel dikjarazzjoni f’att ta’ stat ċivili li jaqra sewwa kulma jkun iddikjara qabel jiffirmaha. Għalhekk, jgħid li m’għandux ibati l-ispejjeż;

Rat id-degreit tagħha tat-8 ta’ Mejju, 2007, li bih tat żmien lill-atturi biex iressqu l-provi li jistgħu bil-mezz tal-affidavit;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll dik mogħtija minn xhud imressqin mill-partijiet quddiem il-Qorti;

Rat il-provi dokumentali kollha li jgħoddu għall-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ April, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex isiru bidliet f’att ta’ stat ċivili. L-atturi, li ilhom jgħixu flimkien f’Malta għal għadd ta’ snin u kellhom tlitt itfal mir-relazzjoni tagħhom, iridu li titneħħa d-dikjarazzjoni magħmula fl-Att tat-Twelid tal-kbira minn fost uliedhom li tgħid li l-omm tat-tarbija kienet mart il-missier, biex minflokha tidħol id-dikjarazzjoni li, fil-waqt tat-twelid, l-omm kienet xebba. Dan iriduh għaliex, fil-każ taż-żewġ ulied l-oħrajn li tweldulhom wara, l-istatus tal-omm jgħid li hija kienet xebba (u għalhekk ma jaqbilx mal-istatus

[1] Paġ. 16 tal-proċess

dikjarat tal-omm dwar l-akbar wild), u għaliex issa, li jridu li jiżżewġu bir-Reġistru f'Malta, l-imsemmija dikjarazzjoni hija ta' xkiel biex tintlaqa' t-talba tagħhom għall-ħruġ tat-tnedijiet;

Illi l-fatti ewlenin li jirrigwardaw il-każ juru li fl-20 ta' Awissu, 1998, huma daħlu f'kuntratt bir-rit islamiku fil-moskeja ta' Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid[2]. Fl-14 ta' Jannar, 2000, iċċelebraw it-tieġ bl-imsemmi rit u, minn dak inhar, bdew jgħixu flimkien[3]. Fis-26 ta' April, 2001, kellhom l-ewwel wild komuni tagħhom, tifla li tawha l-isem ta' Fathiea[4]. L-attur għarraf lir-Reġistru Pubbliku b'dak it-twelid fit-8 ta' Mejju, 2001[5], u nħareġ l-Att tat-Twelid li jġib in-numru 1738 ta' dik is-sena. Fit-tagħrif dwar omm it-tarbija, l-attur iddikjara li l-omm kienet martu. L-atturi kelhom tifel, Moussa, fl-2002[6], u tifel ieħor, Mohammed Nasereldeen Yassine, fl-2004[7]. F'dan il-każ, iż-żewġ dikjarazzjonijiet fir-Reġistru saru miż-żewġ atturi flimkien, u l-istatus tal-omm fiż-żewġ każijiet juri li l-omm kienet xebba (mhux miżżewġa). Fl-2004, l-attur kiseb iċ-ċittadinanza Maltija[8] Fil-bidu tal-2007, l-atturi ressqu talba lir-Reġistratur taż-Żwiġijiet biex jinbeda l-proċess għaċ-ċelebrazzjoni ta' żwieġ ċivili tagħhom f'Malta. Fi Frar tal-2007[9], l-imħarrek bagħat jgħarrafhom li ma setax imexxi 'l quddiem it-talba tagħhom sakemm l-Att tat-Twelid ta' binthom il-kbira jibqa' juri li l-omm kienet miżżewġa f'dak iż-żmien. Fil-15 ta' Marzu, 2007, infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jintrabtu mal-każ, għandu jingħad li l-każ tal-lum jippreżenta ċirkostanza li titlob li ssir tiswija tal-Att tat-Twelid tal-minuri Fatħiea Yassine. Dan għaliex it-tibdila li qegħda tintalab tikkonsisti f'qagħda li ma taqbilx ma' dik murija fuq l-att innifsu. Din hija ċirkostanza li għaliha jgħodd l-artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili. Din l-istess ċirkostanza, mbagħad, toħroġ iżjed fil-beraħ meta wieħed

[2] Dok "MES1", f'paġ. 67 tal-proċess
[3] Xhieda tal-attur 14.2.2008, f'paġ. 53 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Dok "AA", f'paġ. 15 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[8] Affidavit tiegħu f'paġ. 23 tal-proċess
[9] Dok "D", f'paġ. 8 tal-proċess

iqabbilha ma’ dak li jidher fl-atti ta’ stat ċivili tal-ulied l-oħrajn tal-istess atturi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li d-dikjarazzjoni li l-omm tat-tarbija kienet miżżewġa fil-waqt li welldet lill-minuri m’hijiex dikjarazzjoni li taqbel mas-sewwa. F’dan il-każ, jidher li nħoloq ekwivoku għaliex sa minn qabel il-jum tat-twelid tal-minuri, l-missier u l-omm (l-atturi) kienu ntrabtu flimkien fi żwieġ reliġjuż biss u mhux ukoll f’forma ta’ żwieġ magħrufa mil-liġi ċivili. L-attur ifisser sewwa kif inħoloq dan l-ekwivoku għaliex bejn meta mar jirreġistra t-twelid tal-ewwel tarbija u meta, flimkien ma’ l-attriċi, marru biex jirreġistraw it-twelid tat-tieni wild tagħhom, huwa jgħid li kienu ntalbu juru dokumenti differenti. Jirriżulta li wieħed mid-dokumenti li l-attur wera u ta f’idejn l-uffiċjal riċevitur tar-Reġistru meta mar biex jirreġistra t-twelid ta’ l-ewwel wild tiegħu kien ċertifikat[10] maħruġ mill-isptar privat fejn twieldet it-tarbija li, fost l-oħrajn, kien jgħid li l-ġenituri kienu miżżewġin. Ta’ min jgħid li dak id-dokument iġib il-firma biss tal-qabla. Dak iż-żmien, min-naħa tar-Reġistru Pubbliku, ma kien jintalab l-ebda ċertifikat biex juri li l-ġenituri tat-tarbija kienu tassew miżżewġin: din it-talba bdiet isseħħ mill-2003[11]. L-attur jgħid[12] li meta hu u l-omm marru biex jirreġistraw it-tieni wild, intalbu juru ċertifikat taż-żwieġ, iżda meta wrew wieħed maħruġ mill-Imam, għarrfuhom li dak iċ-ċertifikat ma kienx jgħodd biex jingħata għarfien għaż-żwieġ tagħhom fil-liġi ċivili. Kien f’dan iż-żmien li ntefa’ dawl fuq il-qagħda li kienet tagħraf bejn l-istatus dikjarat tal-omm dwar l-ewwel wild minn dawk fil-każ taż-żewġ ulied l-oħrajn;

Illi ma hemm l-ebda dubju li fid-dawl ta’ dawn il-fatti, wieħed jista’ jqis li l-Att tat-Twelid tal-minuri bint l-atturi hu milqut minn żball għall-finijiet tal-liġi. Minbarra dan, dak l-iżball qiegħed iwassal biex joħloq diffikultajiet biex l-istess atturi “jirregolarizżaw” l-istat ċivili tagħhom flimkien f’għajnejn il-liġi ċivili. Hija l-fehma tal-Qorti wkoll li dak l-iżball ma tnissilx minn xi għamil qarrieq jew b’ħażen, iżda minn ekwivoku ġenwin. Iżda, fuq kollox, dak l-iżball joħloq

[10] Dok “KJA”, f’paġ. 26 tal-proċess
[11] Xhieda ta’ Elizabeth Bonnet 7.11.2007, f’paġġ. 44 – 6 tal-proċess
[12] Xhieda tiegħu 7.11.2007, f’paġ. 36 tal-proċess

qagħda fil-konfront tal-minuri li jitlob li jitħassar u jissewwa;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ntwera li t-talba attriċi jmissha tintlaqa' u hija waħda mistħoqqa daqs kemm meħtieġa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tordna lill-imħarrek sabiex jibdel l-Att tat-Twelid tal-minuri Fatħiea Yassine billi fil-kolonna taħt l-intestatura "*Isem u Kunjom*" fit-taqsima tat-"*Tagħrif dwar l-omm*", il-kliem "*wife of the said Khaled Yassine*" jitħassru u minflokhom tidħol il-kelma "*single*", u dan jagħmlu fiż-żmien u wara li jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili;

Fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------